# EPIGRAMMI

*Ta'* Ġ. AQUILINA

## ALLAT

Hemm Alla wieħed biss, li jgħid nemmnuh,
Għax Alla la qatt qarraq, la jitqarraq;
X'uħud min-nies bħal Alla jistennew
Nemmnu li jgħidu, sewwa jew imgħarraq.

## LIL . . .

Inħeba wara l-isem ta' D'Annunzio
U ħebb għalija, ħebb għall-verità;
Habib, għażiltu tajjeb il-psewdonimu:
L-akbar imgħallem ta' l-oxxenità.

## IDOLATRIJA

Meta l-bnedmin jitilfu l-qima għal Alla
Jiksbu minn flokha l-qima għall-allat;
Kull min ġarraf altar minfloku talla'
Ieħor ta' qerq lill-Anġlu Indannat.

## IL-QALB

"Af qalb il-bniedem, ibni," qal qassis,
"Bħal bir li jiġbor l-ilma tal-qigħan;
"Jekk l-ilma hu safi l-qalb hi ta' qaddis,
"Jekk l-ilma mdardar, il-qalb hi ta' xitan."

## LIL POETA

Poeta li tinsab midfun f'dal-qabar
U f'ħajtek ħaddimt biss il-ħajr tal-vers,
Għadmek gozz trab u lanqas jimla qoffa,
'Mma l-ġmiel ta' għanjietek jimla l-univers.

## TRAĠEDJA

Hawnhekk f'dat-trab jinsab midfun poeta,
Fuq ġbinu idda l-ġmiel tal-Poeżija
Li tefgħet xaqq ta' dawl fuq qlub imdejqa;
'Mma qabel miet ċaħadha u ïrmieha.

## L-GHAJJUR

(i)

Ma jħobb lil ħadd, la ħbieb, lanqas għedewwa,
L-għira għamietu, lanqas jara sewwa.
Qallu xi ħadd: "Ħabib din **paranoia,**
**Il ben altrui pare ti annoia".**

(ii)

Nidem u qerr, wegħ'd 'l Alla ma jarġax —
U sikwit jgħid: "Bil-għira ma tarax;
Tara lewn wieħed biss, għajb l-ilwien kollha,
Ħduret il-qalb li tqabbżek qisha molla."

## EPITAFFJU

Ħawnhekk jinsab midfun raġel tar-ruħ.
Li ta' qdusitu ħalla riħa tfuħ;
Ħabb 'l Alla b'ruħu kollha, ħabbu sħiħ,
Ħabb miegħu l-flus u l-ġid—Qaddis Ilħiħ.

## FUQ QABAR

Hawn miet min ħabb lill-mużа daqs għarusa,
Imbagħad stkerraħha u stmellha daqs għaġuża.